MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2011

Numru. 337/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maria Stella Attard)**
**(Spettur Bernard C.Spiteri)**

**vs**

**Gordon Mifsud**

Kumpilazzjoni Nru: 337/2009

Illum, 20 ta’ Jannar, 2011

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Gordon Mifsud, ta’ 52 sena, bin Joseph u Georgette nee’ Bezzina, imwieled il-Furjana, fis-16 ta’ Novembru, 1956 u joqghod fil-fond ‘Villa Romana’, Triq il-Baltiku, San Gwann jew Security

Services Malta Ltd, Triq in-Narcis, San Gwann u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru: 56557M

Akkuzat talli fid-29 ta’ Settembru, 2008 ghal habta tad-09:30am fil-kapacita tieghu bhala direttur tal-kumpanija Security Services, Malta Ltd li hija licenzjata sa 2008 provda lill-persuna Charlene Tanti ID: 283989 (M) ghal dmirijiet fi, jew li kellhom x’jaqsmu ma’ servizzi ta’ gwardani privati u dan meta din il-persuna ma kelliex il-licenzja bhala gwardan privat skond id-disposizzjoni tal-Att 389.

Rat l-artikolu 5 tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-fatti ta’ dan il-kaz huma relattivament semplici. L-imputat huwa direttur tas-socjeta kummerjcali Security Services Malta Limited li tipprovdi *inter alia* servizzi ta’ gwardjani privati. Mhux kontestat li fid-29 ta’ Settembru 2008 Charlene Tanti kienet impjegata ma’ din is-socjeta, hekk kif mhux kontestat li dak in-nhar din Charlene Tanti ma kinietx licenzjata bhala gwardjan privat ai fini ta’l-artikolu 5 tal-Kapitolu 389.

Illi l-prosekuzzjoni qed tallega li f’dik id-data, id-29 ta’ Settembru 2008, Charlene Tanti fil-kors ta’l-impjieg taghha mas-socjeta Security Services Malta Limited, prestat servizzi bhala gwardjan privat fil-fergha tal-Furjana ta’l-APS Bank Limited.

Illi pero mill-provi prodotti ma jirrizultax li dak in-nhar Charlene Tanti rrapurtat ghax-xoghol f’xi wahda mill-ferghat ta’ l-APS Bank stante li mid-dokumenti esebieti jirrizulta li bhala gwardjan privat fil-fergha ta’ Paola kien hemm Ethel Azzopardi, fil-fergha tal-Floriana kien hemm Rita Calleja, fil-fergha tal-Belt kien hemm Elizabeth Borg, fil-fergha tal-Mosta kien hemm George Zahra u fil-fergha

ta’ Ghawdex kien hemm Charles Cutajar. Lanqas ma jirrizulta li hija pprestat dawn is-servizzi f’xi post iehor.

Illi in vista tal-fatt li l-imputazzjoni odjerna hija limitata ghal dik l-unika gurnata u cioe d-29 ta’ Settembru 2008 u tenut kont li ma ngabet l-ebda prova li dak in-nhar Charlene Tanti prestat servizzi bhala gwardjan privat f’isem is-socjeta Security Services Malta Limited ma jistax jinghad li l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat giet pruvata.

Illi d-difieza ghamlet sottomissjonijiet ukoll dwar r-responsabbilita vigarja ai termini tal-Kapitolu 249 u ghaliex f’l-opinjoni taghha anke kieku gew pruvati xi nuqqasijiet da parti tas-socjeta Security Services Malta Limited l-imputat m’ghandux jinsab hati ta’ din l-imputazzjoni. In vista tal-fatt li fil-fehma tal-Qorti ma gewx pruvati l-fatti li fuqhom hija imsejsa l-imputazzjoni odjerna mhux il-kaz li tidhol fil-mertu ta’ dawn is-sottomissjonijiet.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tilliberah minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------